SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Diċembru 2011 *

Fil-Kawża C-316/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Vestre Landsret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Lulju 2010, kif emendeta permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Awwissu 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Awwissu 2010, fil-proċedura

Danske Svineproducenter

vs

Justitsministeriet,

fil-preżenza ta':

Union européenne du commerce de bétail et de la viande,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, J. Malenovský, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u D. Šváby (rappporteur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Settembru 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Danske Svineproducenter, minn H. Sønderby Christensen, avukat,

— għal Union européenne du commerce de bétail et de la viande, minn J.-F. Bellis, A. Bailleux, avukati, u E. Werlauff, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen, bħala aġent, assistita minn P. Biering, avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Schima u H. Støvlbæk, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari hija dwar l-interpretazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, tat-tieni paragrafu tal-Artkolu 3, punti (f) u (g), u l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU 2005, L 3, p. 1), kif ukoll tal-Kapitolu II, punti 1.1(f) u 1.2, u tal-Kapitolu VII, Titolu D tal-Anness I tal-imsemmi Regolament Nru 1/2005.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Danske Svineproducenter, organizzazzjoni professjonali ta' persuni li jrabbu l-ħnieżer, u Justitsministeriet (Ministeru tal-Ġustizzja) dwar, b'mod partikolari, il-kompatibbiltà mar-Regolament Nru 1/2005 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali addizzjonali intiża sabiex tippreċiża dwar ċerti punti l-applikazzjoni tiegħu, bħad-digriet Nru 1729 tal-21 ta' Diċembru 2006, dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport (bekendtgørelse om beskyttelse af dyr under transport, *Lovtidende* 2006 A, iktar 'il quddiem id-"digriet Nru 1729/2006"), u l-konformità ta' diversi dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet mal-imsemmi regolament.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1/2005

3 Il-premessi 2, 6, 8, 10 u 11 tar-Regolament Nru 1/2005 jipprovdu:

"(2) Taħt id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport [u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 133, iktar 'il quddiem id-'Direttiva 91/628')], il-Kunsill adotta regoli fil-qasam tat-trasport ta' l-annimali sabiex jelimina barrieri tekniċi għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u sabiex jippermetti lil organizzazzjonijiet tas-suq joperaw b'mod stabbli, filwaqt li jiġi assigurat livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-annimali konċernati.

[…]

(6) Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni fid-19 ta' Ġunju 2001 [...] sabiex tippreżenta proposti sabiex jiġu assigurati l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar strett ta' leġislazzjoni Komunitarja, it-titjib tal-protezzjoni u l-benesseri ta' l-annimali kif ukoll il-prevenzjoni ta' l-okkorrenza u t-tixrid ta' mard infettiv ta' l-annimali, u

sabiex jitpoġġew rekwiżiti aktar stretti għall-prevenzjoni ta' l-uġiegħ u t-tbatija sabiex jiġu salvagwardjati l-benesseri u s-saħħa ta' l-annimali matul u wara t-trasport.

[…]

(8) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa ta' l-Annimal u l-Benesseri ta' l-Annimal adotta opinjoni dwar il-benesseri ta' l-annimali matul it-trasport fil-11 ta' Marzu 2002. Il-leġislazzjoni Komunitarja għandha għalhekk tiġi emendata sabiex tqis evidenza xjentifika ġdida filwaqt li tingħata prijorita għall-ħtieġa ta' l-infurzar tagħha li għandha tkun assigurata kif xieraq fil-futur immedjat.

[…]

(10) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba taħt id-Direttiva [91/628] fl-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar it-trasport ta' l-annimali, u d-diffikultajiet li qamu minħabba d-differenzi fit-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva fil-livell nazzjonali, huwa aktar xieraq li jiġu stabbiliti regoli Komunitarji f'dan il-qasam permezz ta' Regolament. Sakemm jiġu adottati d-diposizzjonijiet dettaljati għal ċerti speċi li għandhom bżonnijiet partikulari u li jirrappreżentaw parti limitata ħafna tal-bhejjem tal-Komunità, huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom il-permess li jistabbilixxu jew iżommu regoli nazzjonali addizzjonali li japplikaw għat-trasport ta' l-annimali ta' tali speċi.

(11) Sabiex tiġi assigurata applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar il-Komunità fid-dawl tal-prinċipju bażiku tagħha skond liema l-annimali m'għandhomx jiġu trasportati b'mod li jista' jikkawwża uġiegħ u

tbatija żejda għalihom, huwa xieraq li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet dettaljati li jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi li jivverfikaw ruħhom rigward it-tipi varji ta' trasport. Tali disposizzjonijiet dettaljati għandhom jiġu interpretati u applikati in konformità mal-prinċipju msemmi hawn il-quddiem u għandhom jiġu emendati fil-ħin meta, b'mod partikolari fid-dawl ta' parir xjentifiku ġdid, jidhru li m'għadhomx jiżguraw konformità mal-prinċipju t'hawn fuq għal speċi jew tipi ta' trasport partikolari."

4 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1/2005:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport ta' annimali vertebrati ħajjin li jsir ġol-Komunità […]

[…]

3. Dan ir-Regolament m'għandux ikun ta' ostakolu għal miżuri nazzjonali aktar iebsa intiżi għat-titjib tal-benesseri ta' l-annimali matul it-trasport li jsir kompletament fit-territorju ta' Stat Membru jew matul trasport bil-baħar li jitlaq minn territorju ta' Stat Membru.

[…]"

5 L-Artikolu 3 intitolat "Kondizzjonijiet ġenerali għat-trasport ta' l-annimali" jipprovdi:

"L-ebda persuna m'għandha titrasporta annimali jew twassal li annimali jiġu trasportati b'mod li jista' jwassal għal korriment jew tbatija bla bżonn."

Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu rispettati:

[…]

f) […] it-trasport isir bla dewmien għall-post destinat u l-kondizzjonijiet tal-benesseri ta' l-annimali huma eżaminati regolarment u miżmuma b'mod xieraq;

g) għandhom jiġu pprovduti art u għoli biżżejjed għall-annimali, skond il-qies tagħhom u l-vjaġġ maħsub;

[…]"

6 Skont l-Artikolu 6(3) tal-imsemmi regolament:

"It-trasportaturi għandhom jitrasportaw annimali skond ir-regoli tekniċi stabbiliti fl-Anness I."

7 Il-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament Nru 1/2005 jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-mezzi ta' trasport. Il-punt 1 tiegħu, li jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-mezzi kollha ta' trasport, huwa fformulat kif ġej:

"1.1 Mezzi tat-trasport, kontenituri u l-fittings tagħhom għandhom ikunu ddiżinati, mibnija, miżmuma u operati b'mod li:

[…]

f) jipprovdu aċċess għall-annimali sabiex ikunu jistgħu jiġu spezzjonati u kkurati;

[…]

1.2. Għandu jiġi pprovdut spazju biżżejjed fil-kompartiment ta' l-annimali u f'kull livell tiegħu sabiex ikun assigurat li hemm ventilazzjoni adegwata fuq l-annimali meta jkunu f'pożizzjoni naturali bilwieqfa, mingħajr ma jkun imfixkel il-moviment naturali tagħhom bl-ebda mod.

[…]"

8 Il-Kapitolu III ta' dan l-anness huwa dwar il-prattiki ta' trasport. Il-punt 2 tiegħu, intitolat "Matul it-trasport", jinkludi d-dispożizzjoni segwenti:

"2.1. L-allokazzjoni ta' spazju għandu jikkonforma ta' l-anqas mal-figuri stabbiliti, rigward l-annimali u l-mezzi tat-trasport imsemmija, fil-Kapitolu VII."

9 Il-Kapitolu V tal-imsemmi anness, iddedikat b'mod partikolari għall-ħin tal-vjaġġ, jistabbilixxi fil-punt 1 tiegħu, li huwa dwar fost l-oħrajn l-annimali domestiċi tal-ispeċi suwina, ir-regoli segwenti:

"[…]

1.2. Il-ħin tal-vjaġġi għal annimali ta' l-ispeċi msemmija f'punt 1.1. m'għandux jeċċedi tmien sigħat.

1.3. Il-ħin tal-vjaġġ massimu f'punt 1.2. jista' jiġi estiż jekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti addizzjonali tal-Kapitoli VI.

[…]"

10 L-imsemmi Kapitolu VI jinkludi d-dispożizzjonijiet addizzjonali applikabbli għall-vjaġġi twal, b'mod partikolari ta' annimali domestiċi tal-ispeċi suwina, stabbiliti f'erba' punti.

11 Il-punt 1 ta' dan il-kapitolu, li jikkonċerna l-vjaġġi kollha twal, jelenka l-eżiġenzi f'dak li jikkonċerna s-saqaf, l-art tal-vettura u l-qiegħa, l-ikel u s-separazzjonijiet kif ukoll il-kriterji minimi għal ċerti speċi. F'dan l-aħħar rigward, l-unika kundizzjoni applikabbli għall-ħnieżer hija li l-piż tal-annimali ttrasportati fil-kuntest ta' vjaġġ twil ikun ta' iktar minn 10 kg, sakemm ma jkunux ittrasportati flimkien ma' ommhom. Il-punti 2 sa 4 tal-imsemmi kapitolu huma rispettivament dwar il-provvista tal-ilma għat-trasport permezz ta' kontenituri, il-ventilazzjoni kif ukoll il-kontroll tat-temperatura għall-mezzi ta' trasport bit-triq u l-użu tas-sistema ta' navigazzjoni.

12 Il-Kapitolu VII tal-istess Anness I jistabilixxi r-regoli fil-qasam tad-densità tat-tagħbija. Dan huwa fformulat kif ġej:

"L-allokazzjoni ta' spazju għal annimali għandhom mill-anqas ikunu konformi mal-figuri li ġejjin:

[…]

D. Qżieqeż

Trasport ferrovjarju u bit-triq

Il-qżieqeż kollha għandu jkollhom il-possibilità li jimteddu ta' l-anqas u li jibqgħu fuq saqajhom.

L-ammont tat-tagħbija ta' qżieqeż ta' madwar il-100 kg m'għandux jeċċedi l-235 kg/m^2, sabiex wieħed ikun konformi mal-kondizzjonijiet minimi.

Ir-razza, il-qies u l-kondizzjoni fiżika tal-qżieqeż tista' tfisser li s-Superfiċi minima meħtieġa hawn fuq għanda tiżdied; żjieda massima ta' 20 % tista' tkun meħtieġa skond il-kondizzjonijiet meteoroloġiċi u l-ħin tal-vjaġġ.

[…]"

13 Skont l-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 1/2005, id-disopożizzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq huma applikabbli, bħala regola, mill-5 ta’ Jannar 2007. L-aħħar paragrafu ta’ dan l-artikolu jipprovdi:

“Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.”

Id-Direttiva 91/628 u r-Regolament (KE) Nru 411/98

14 Id-Direttiva 91/628 ġiet abrogata bir-Regolament Nru 1/2005, skont l-Artikolu 33 ta’ dan tal-aħħar. Din id-direttiva tapplika għat-trasport b’mod partikolari tal-annimali domestiċi tal-ispeċi suwina ġewwa, b’destinazzjoni u b’oriġini minn kull Stat Membru.

15 Fir-rigward b’mod partikolari tal-ħnieżer, l-anness tad-Direttiva 91/628 jipprovdi, fil-Kapitolu I, punt 2(a) u (b), l-eżiġenzi li għandhom jiġu rrispettati dwar l-għoli minimu tal-kompartimenti intiżi għall-annimali f’termini simili għal dawk li jinsabu fir-Regolament Nru 1/2005.

16 Fil-Kapitolu VI ta’ dan l-anness, il-punt 47 tiegħu kien dwar id-densità tat-tagħbija. It-Titolu D ta’ dan il-punt, iddedikat għall-ħnieżer, kien ifformulat f’termini identiċi għal dawk tat-Titolu D tal-Kapitolu VII tal-Anness I tar-Regolament Nru 1/2005, riprodott fil-punt 12 ta’ din is-sentenza.

17 Il-punt 48, li jikkostitwixxi l-Kapitolu VII tal-imsemmi anness, dwar b'mod partikolari t-tul tal-vjaġġ, jinkludi d-dispożizzjonijiet segwenti:

"[…]

2. It-tul tal-vjaġġ [tal-annimali domestiċi tal-ispeċi suwina, fost l-oħrajn,] ma għandux jaqbeż it-tmien siegħat.

3. It-tul tal-vjaġġ massimu msemmi fil-punt 2 jista' jiġi estiż jekk il-vettura li sservi għat-trasport tissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali segwenti:

[…]

— aċċess dirett għall-annimali, [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[…]"

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/98, tas-16 ta' Frar 1998, fuq standards ta' ħarsien tal-annimali addizzjonali applikabbli għall-vetturi tat-toroq użati għat-tagħbija ta' annimali ħajjin fuq vjaġġi ta' aktar minn tmien siegħat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 22, p. 294), adottat skont l-Artikolu 13(1), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999. Skont l-Artikolu 1 tiegħu moqri flimkien mal-punt 3 tal-Anness tiegħu, dan ir-regolament kien jimponi li tali vetturi, meta jintużaw għat-trasport b'mod partikolari tal-ħnieżer, ikunu "mgħammra sabiex f'kull ħin jista' jkun hemm aċċess dirett għal kull annimal li qed jiġi ttrasportat sabiex jista' jiġi spezzjonat u jingħata kull kura xierqa".

19 Ir-Regolament Nru 411/98 ukoll ġie abrogat bir-Regolament Nru 1/2005, skont l-Artikolu 33 ta' dan tal-aħħar.

20 Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Danske Svineproducenter (C-491/06, Ġabra p. I-3339), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet:

"1 Leġiżlazzjoni nazzjonali [...] li tinkludi data ċċifrata f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-kompartimenti tal-annimali sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jirreferu għal regoli iktar preċiżi minn dawk stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill [...] tista' tidħol fil-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 249 KE, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni, li tirrispetta l-għan ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport imfittex minn din id-direttiva [...], ma tostakolax, bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, it-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel li l-imsemmija direttiva [...], trid tilħaq wkoll. Hija l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni tirrispettax dawn il-prinċipji.

2) Il-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru huwa awtorizzat jistabbilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għal kull annimal hija ta' għallinqas 0,50 m^2 għall-ħnieżer ta' 100 kg."

Id-dritt nazzjonali

21 Id-Digriet Nru 1729/2006 jimponi r-rispett ta' ċerti regoli għat-trasport tal-ħnieżer.

22 F'dak li jikkonċerna l-għoli minimu tal-kompartimenti, l-Artikolu 9(1) ta' dan id-digriet jipprovdi:

"Matul it-trasport ta' ħnieżer ta' iktar minn 40 kg, l-għoli intern bejn kull pont, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf ([pereżempju] l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet minimi li ġejja:

Piż medju [(f'kg)]	Għoli intern meta tintuża sistema ta' ventilazzjoni mekkanika	Għoli intern meta tintuża sistema oħra ta' ventilazzjoni
40	74 cm	89 cm
50	77 cm	92 cm
70	84 cm	99 cm
90	90 cm	105 cm
100	92 cm	107 cm
110	95 cm	110 cm
130	99 cm	114 cm
150	103 cm	118 cm
170	106 cm	121 cm
190	109 cm	124 cm
210	111 cm	126 cm
230	112 cm	127 cm"

23 Il-paragrafu 5 tal-istess artikolu jirregola l-għoli tal-ispezzjoni f'każ ta' vjaġġ li jdum iktar minn tmien siegħat fit-termini segwenti:

"Meta t-tul ta' trasport tal-ħnieżer ta' 40 kg jew iktar ikun ta' iktar minn tmien sigħat, il-vetturi użati għandhom ikunu mgħammra b'tali mod li, f'kull mument, għoli ta' ispezzjoni fuq ġewwa ta' tal-anqas ta' 140 cm, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf ([pereżempju] l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), jista' jiġi stabbilit għal kull livell, [pereżempju] permezz ta' saqaf li jitla' u ta' pontijiet mobbli jew ta' kostruzzjonijiet simili. Meta jiġi stabbilit l-għoli ta' spezzjoni intern ta' 140 cm, l-għoli taħt is-saqaf tal-livelli l-oħra għandu jibqa' jkun għallinqas dak previst fil-paragrafu 1 matul it-trasport ta' annimali fuq numru ta' pontijiet."

24 L-eżiġenzi fil-qasam ta' densità ta' tagħbija huma stabbiliti fl-Anness 2 tad-Digriet Nru 1729/2006, li t-Titolu D tiegħu, iddedikat għall-majjali, huwa fformulat kif ġej:

"Trasport bil-ferrovija u trasport bit-triq, inkluż bl-irmonk

1. Trasport ta' inqas minn tmien siegħat:

Piż ħaj (f'kg)	Spazju (f'm^2) għal kull annimal
25	0.17
50	0.26

75	0.33
100	0.42
200	0.70
250 jew iktar	0.80

Jista' jkun neċessarju li jiżdied l-ispazju minimu indikat hawn fuq skont ir-razza, id-daqs u l-istat ta' saħħa tal-annimal. Jista' wkoll ikun neċessarju li jiżdied l-ispazju sa 20 % skont il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u t-tul tat-trasport.

2. Trasport ta' iktar minn tmien siegħat:

Piż ħaj (f'kg)	Spazju (f'm^2) għal kull annimal
25	0.20
50	0.31
75	0.39
100	0.50
200	0.84
250 jew iktar	0.96

[…]"

25 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 36(4) tal-imsemmija sentenza jinkludi dispożizzjoni tranżitorja li t-trasportaturi jistgħu jibbenefikaw minnha sal-15 ta' Awwissu 2010 għall-vetturi fit-toroq li jkunu ġew irreġistrati sa mhux iktar tard mill-15 ta' Awwissu 2005. Skont din id-dispożizzjoni:

"Fit-trasport [ta' iktar minn tmien siegħat] ta' ħnieżer li jiżnu 40 kg jew iktar, għall-għoli intern bejn kull pont, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf ([pereżempju] l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti minimi segwenti:

Piż medju f'kg	Għoli intern meta tintuża sistema ta' ventilazzjoni mekkanika	Għoli intern meta tintuża sistema oħra ta' ventilazzjoni
Ħnieżer ta' iktar minn 40 kg sa 110 kg	100 cm	107 cm
Ħnieżer ta' iktar minn 110 kg sa 150 kg	110 cm	118 cm
Ħnieżer ta' iktar minn 150 kg sa 230 kg	112 cm	127 cm
Ħnieżer ta' iktar minn 230 kg	> 112 cm	> 127 cm"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

26 Fl-14 ta' Mejju 2005 Danske Svineproducenter ippreżentat quddiem il-Vestre Landsret (qorti reġjonali tal-Punent) rikors kontra l-Justitsministeriet, fejn sostniet li l-leġiżlazzjoni Daniża dwar it-trasport ta' annimali li kienet fis-seħħ qabel id-Digriet

Nru 1729/2006 kienet timponi, għat-trasport tal-ħnieżer, ċerti regoli dwar l-għoli minimu tal-kompartimenti, l-għoli minimu ta' spezzjoni u d-densità massima tat-tagħbija li kienu kuntrarji għal diversi regoli tad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628. Wara l-ewwel deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni, f'dan ir-rigward, ta' din id-direttiva fis-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, f'termini riprodotti fil-punt 20 ta' din is-sentenza.

27 Fil-kuntest tal-istess proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet sussegwentement li regoli simili li jinsabu fid-Digriet Nru 1729/2006, li issa saru applikabbli, huma kuntrarji għar-Regolament Nru 1/2005.

28 F'dan il-kuntest, il-Vestre Landsret reġgħet iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"[It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288]KE u l-Artikolu 37 tar-Regolament [...] Nru 1/2005 [...], kif ukoll [it-tieni paragrafu tal-] Artikolu 3(f) u (g) [ta' dan ir-regolalment], flimkien mal-punt 1.1(f) u l-punt 1.2 tal-[Anness I tiegħu], flimkien mal-Parti D tal-Kapitolu VII [ta' dan l-a]nness [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri huwa preklużi milli jadottaw dispożizzjonijiet nazjonali li jipprovdu rekwiżiti dettaljati [fil-qasam tat-trasport fit-triq ta' ħnieżer] għall-għoli ta' trasport intern, l-għoli ta' spezzjoni u densità tat-tagħbija?"

Fuq id-domanda preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

29 Danske Svineproducenter u l-Union européenne du commerce de bétail et de la viande jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tifformula mill-ġdid id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju b'mod li twessa' jew tippreċiża l-portata tagħha.

30 Għalhekk, minn naħa, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal tliet domandi li jikkorrispondu għal dawk magħmula fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li wassal għas-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq.

31 Min-naħa l-oħra, l-Union européenne du commerce de bétail et de la viande tissuġġerixxi li tiġi fformulata mill-ġdid id-domanda preliminari b'mod li tinkludi wkoll il-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 1/2005. Barra minn hekk, din id-domanda għandha tinkludi wkoll ir-regoli nazzjonali intiżi sabiex jistabbilixxu data f'ċifri li ma hijiex inkluża f'dan ir-regolament, u mhux eżiġenzi ddettaljati.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Is-setgħa li jiġu ddeterminati d-domandi li għandhom isiru lill-Qorti tal-Ġustizzja hija mogħtija biss

lill-qorti nazzjonali u l-partijiet ma jistgħux jibdlu l-kontenut tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Hochtief u Linde-Kca-Dresden, C-138/08, Ġabra p. I-9889, punti 20 u 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Barra minn hekk, bdil fis-sustanza tad-domandi preliminari jew risposta għad-domandi addizzjonali msemmija mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-osservazzjonijiet tagħhom ikun inkompatibbli mar-rwol mogħti lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura l-possibbiltà lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet interessati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hochtief u Linde-Kca-Dresden, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tilqa' talbiet ta' riformulazzjoni tad-domanda preliminari mressqa minn Danske Svineproducenter u l-Union européenne du commerce de bétail et de la viande.

35 Barra minn hekk, ma tistax tintlaqa' t-talba sabiex tinbeda mill-ġdid il-proċedura mibdija minn Danske Svineproducenter, li wasslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Diċembru 2011. Fil-fatt, minn naħa, din it-talba hija essenzjalment ibbażata fuq is-sentenza li permezz tagħha l-Højesteret (il-Qorti Suprema) ċaħdet ir-rikors li din il-parti fil-kawża prinċipali kienet ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-rinviju intiż sabiex isiru domandi preliminari addizzjonali għal dik li tinsab f'din id-deċiżjoni. Issa, tali ċirkustanza hija, min-natura tagħha, nieqsa mir-relevanza għal dan ir-rinviju preliminari. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-referenza għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2011, Astrid Preissl (C-381/10, Ġabra p. I-9281), għandu jiġi kkonstatat li l-ebda motivazzjoni ma tindika kif din is-sentenza tiġġustifika li tinfetaħ il-proċedura mill-ġdid fil-kuntest ta' dan ir-rinviju preliminari.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

36 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 1/2005 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-adozzjoni, minn Stat Membru, ta' miżuri li jistabbilixxu, għat-trasport fit-triq ta' ħnieżer, regoli f'forma ta' ċifri, f'dak li jikkonċerna, l-ewwel nett, l-għoli intern tal-kompartimenti intiżi għall-annimali, it-tieni nett, l-ispezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ u, it-tielet nett, l-ispazju disponibbli għal kull annimal, fejn l-imsemmija regoli jvarjaw, jekk ikun il-każ, skont jekk jirregolawx vjaġġi li t-tul tagħhom jaqbeż jew ma jaqbiżx it-tmien siegħat. B'mod preċiż, l-imsemmija qorti tqabbel tali regoli ma', rispettivament, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(g) flimkien mal-Anness I, Kapitolu II, punt 1.2, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(f) flimkien mal-Anness I, Kapitolu II, punt 1.1(f) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(g) flimkien mal-Anness I, Kapitolu VII, Titolu D tal-imsemmi regolament.

37 Għaldaqstant, permezz tal-formulazzjoni tad-domanda tagħha, moqrija fid-dawl tal-iżviluppi tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-imsemmija qorti tenfasizza li, fis-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali mad-Direttiva 91/628, li d-dispożizzjonijiet tagħha għandhom similaritajiet kbar ma' dawk tar-Regolament Nru 1/2005 dwar l-aspetti kkonċernati minn tali miżuri. F'dan il-kuntest, il-Vestre Landsret tistaqsi dwar l-eventwali relevanza tal-fatt li l-qasam issa huwa rregolat fil-livell tal-Unjoni permezz ta' regolament, u mhux permezz ta' direttiva, fir-rigward il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' din in-natura.

38 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrelevat li, skont it-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 288 TFUE, filwaqt li d-direttivi jorbtu l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna r-riżultat li għandu jintlaħaq filwaqt li jħallu lill-awtoritajiet nazzjonali l-kompetenza dwar il-forma u l-mezzi, ir-regolamenti huma obbligatorji fl-elementi kollha tagħhom u huma direttament applikabbli fl-Istati Membri.

39 Għalhekk, kemm minħabba n-natura tagħhom, kif ukoll minħabba l-funzjoni tagħhom fl-iskema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti għandhom, ġeneralment, effett immedjat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali mingħajr ma jkun meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri ta' applikazzjoni (ara s-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004, Handlbauer, C-278/02, Ġabra p. I-6171, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Madankollu, uħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom jistgħu jkunu jeħtieġu, sabiex jiġu implementati, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni mill-Istati Membri (sentenza Handlbauer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26 u ġurisprudenza ċċitata).

41 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' applikazzjoni ta' regolament jekk ma jostakolawx l-applikabbiltà diretta tiegħu, jekk ma jaħbux in-natura Komunitarja tiegħu u jekk jispeċifikaw l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mogħtija minn dan ir-regolament filwaqt li jibqgħu fil-parametri tad-dispożizzjonijiet tiegħu (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-113/02, Ġabra p. I-9707, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Madankollu, il-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-annimali fit-trasport issa tinsab f'regolament ma jfissirx neċessarjament li kull miżura nazzjonali li tapplika dan ir-regolament hija attwalment ipprojbita.

43 Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2005 hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, għandu jsir referiment għad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-regolament sabiex jiġi vverifikat jekk dawn id-dispożizzjonijiet, interpretati fid-dawl tal-għanijiet tiegħu, jipprojbixxux, jimponux jew jippermettux lill-Istati Membri li jiġu deċiżi ċerti miżuri ta' applikazzjoni u, b'mod partikolari f'din l-aħħar ipoteżi, jekk il-miżura kkonċernata taqax fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxut lil kull Stat Membru.

44 Fir-rigward tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1/2005, għandu jiġi rrelevat li, jekk, ċertament, l-eliminazzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-iskambju ta' annimali ħajjin u l-funzjonament xieraq tal-organizzazzjonijiet tas-suq, invokati fit-tieni premessa tiegħu, jaqgħu taħt il-finalità ta' dan ir-regolament bl-istess mod kif jaqgħu taħt dawk tad-Direttiva 91/628, fosthom il-proroga, madankollu mill-premessi 2, 6 u 11 tal-imsemmi regolament jirriżulta li, bħal fil-każ tad-direttiva, l-għan prinċipali tiegħu huwa l-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni li saret fil-punt 29 tas-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, f'dak li jikkonċerna l-għanijiet ta' din id-direttiva jibqa' validu għar-Regolament Nru 1/2005.

45 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li jaqbel li tiġi eżaminata l-kompatibbiltà ma' dan ir-regolament tal-miżuri nazzjonali bħal dawk fil-kawża prinċipali, li jistabbilixxu, għat-trasport fit-triq tal-ħnieżer, regoli fil-forma ta' ċifri f'dak li jikkonċerna l-għoli intern tal-kompartimenti, l-ispezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ u l-ispazju disponibbli għal kull annimal.

Għoli intern tal-kompartimenti

46 Fir-rigward tal-għoli intern tal-kompartimenti intiżi għall-annimali f'vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-ħnieżer, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludi żewġ tipi ta' normi differenti. Minn naħa, l-Artikolu 9(1) tad-Digriet Nru 1729/2006, li huwa applikabbli jkun kemm ikun twil il-vjaġġ, jistabbilixxi regoli f'dak li jikkonċerna l-għoli intern minimu tal-kompartimenti skont il-piż tal-annimali ttrasportati. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 36(4) ta' dan id-digriet jistabbilixxi, b'mod tranżitorju, regoli tal-istess natura, iżda iktar eżiġenti, li madankollu japplikaw biss għall-vjaġġi ta' iktar minn tmien siegħat. Tali normi huma identiċi għal dawk eżeminati fil-kuntest tas-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, kif jirriżulta mill-punti 14, 15 u 34 ta' din is-sentenza.

47 Dan l-aspett tat-trasport bit-triq tal-ħnieżer huwa rregolat mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(g) tar-Regolament Nru 1/2005 kif ukoll il-Kapitoli II, punt 1.2 u VII, Titolu D, l-ewwel sentenza, tal-Anness I. Mid-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta li, fil-vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-ħnieżer, l-għoli intern tal-kompartimenti intiżi għall-annimali għandu jkun biżżejjed sabiex dawn ikunu jistgħu joqogħdu fuq saqajhom fil-pożizzjoni naturali tagħhom, fid-dawl tad-daqs tagħhom u tal-vjaġġ previst, u għandha tiġi żgurata ventilazzjoni adegwata fuq rashom meta jkunu fuq saqajhom fil-pożizzjoni naturali tagħhom mingħajr ma l-movimenti naturali tagħhom ma jkunu ostakolati. Kif ġie kkonstatat fil-punt 15 ta' din is-sentenza, tali dispożizzjonijiet huma analogi għal dawk tad-Direttiva 91/628, interpretati mis-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq.

48 Sa fejn dan ir-regolament ma jistabbilixxix b'mod preċiż l-għoli tal-kompartimenti interni u li d-dispożizzjonijiet relevanti f'dan ir-rigward huma analogi għal dawk tad-Direttiva 91/628, għandu jiġi rrikonoxxut lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward, identiku għal dak li huwa rrikonoxxut lilhom fil-kuntest ta' din id-direttiva permezz tal-imsemmija sentenza.

49 Barra minn hekk, kif isostni l-Gvern Daniż, l-adozzjoni minn Stat Membru ta' regoli li jippreċiżaw konkretament, fil-livell nazzjonali, il-portata tal-eżiġenzi fformulati f'termini ġenerali mir-Regolament Nru 1/2005 hija ta' natura li ssaħħaħ iċ-ċertezza legali, sa fejn dawn ir-regoli jistabbilixxu kriterji li jżidu l-previdibbiltà tal-eżiġenzi ta' dan ir-regolament u li għalhekk, jikkontribwixxu kemm għall-osservanza tagħhom mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati kif ukoll għall-effettività u għall-għan tal-kontrolli li għandhom isiru mill-awtoritajiet kompetenti għal dan il-għan.

50 Għaldaqstant, l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali li jistabbilixxu regoli f'forma ta' ċifri f'dak li jikkonċerna l-għoli intern tal-kompartimenti ma hijiex, fiha nfisha, kuntrarja għall-imsemmi regolament.

51 Madankollu, huwa importanti li tali regoli jkunu konformi kemm mad-dispożozzjonijiet u l-għanijiet tar-Regolament Nru 1/2005 kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

52 Dan il-prinċipju, li japplika b'mod partikolari għall-awtoritajiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri meta japplikaw id-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-mezzi implementati permezz ta' dispożizzjoni jkunu tali li jwettqu l-għan intiż u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, Ġabra p. I-5767, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-imsemmi prinċipju jimplika fost oħrajn li, fil-preżenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li għandha diversi għanijiet fosthom wieħed li huwa prinċipali, Stat Membru li jadotta regola fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni li tikkonferilu dispożizzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, għandu jirrispetta dan l-għan prinċipali mingħajr ma jfixkel it-twettiq tal-għanijiet l-oħra tal-imsemmija leġiżlazzjoni. Għaldaqstant, fir-rigward ta' dawn l-għanijiet l-oħra, tali regola nazzjonali għandha tkun tali li tiżgura t-twettiq tal-imsemmi għan prinċipali u ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħaq (ara, b'analoġija, is-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, punti 31, 32 u 40).

53 Hemm lok li ssir verifika f'dan ir-rigward għal kull wieħed mit-tipi ta' regoli li huma kkonċernati hawnhekk.

54 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-dispożizzjonijiet li jippreċiżaw l-għoli intern minimu tal-kompartimenti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li r-regoli li dawn jistabbilixxu huma tali li jwettqu l-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport li jrid jilħaq ir-Regolament Nru 1/2005 (ara, b'analoġija, is-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

55 Madankollu għandu jiġi rrelevat li regoli ta' din in-natura, peress li għandhom l-għan li japplikaw għat-trasport kollu tal-ħnieżer li jsir, anki jekk parzjalment, fuq it-territorju tal-Istat Membru li jistabbilihom, huma tali li jippreġudikaw it-twettiq

tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-iskambji ta' annimali ħajjin u tal-funzjonament xieraq tal-organizzazzjonijiet tas-suq li għandu anki r-Regolament Nru 1/2005. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk, fir-rigward ta' dawn l-għanijiet, tali regoli humiex neċessarji u proporzjonati għall-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport intiż minn dan ir-regolament mingħajr ma l-applikazzjoni tagħhom tillimita l-moviment liberu tal-merkanzija kemm fl-importazzjoni kif ukoll fl-esportazzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43) b'mod sproporzjonat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2010, Müller Fleisch, C-562/08, Ġabra p. I-1391, punti 38 u 42).

56 Għaldaqstant, regoli f'forma ta' ċifri li jikkonċernaw l-għoli intern minimu tal-kompatrimenti bħal dawk stabbiliti mid-Digriet Nru 1729/2006 għandhom ikunu proporzjonati għall-għan ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq.

57 F'dan ir-rigward, b'mod partikolari huwa importanti li jiġi vverifikat jekk l-imsemmija regoli jirrispettawx l-eżiġenzi minimi li jipprovdu, minn naħa, li l-ħnieżer kollha għandhom ikunu jistgħu joqogħdu fuq saqajhom fil-pożizzjoni naturali tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jkollhom spazju biżżejjed ġewwa l-kompartiment u li kull wieħed minn dawn il-livelli għandu jkun tali li jiggarantixxi ventilazzjoni adegwata fuq ir-ras tal-annimali meta jkunu fuq saqajhom fil-pożizzjoni naturali tagħhom, mingħajr ma l-movimenti naturali tagħhom fl-ebda każ ma jiġu ostakolati.

58 Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li jiġi vverifikat li l-imsemmija regoli ma jwasslux għal spejjeż żejda jew għal diffikultajiet tekniċi li jisfavorixxu jew lill-produtturi tal-Istat Membru li jkun adottahom, jew lill-produtturi tal-Istati Membri l-oħra li jkunu jixtiequ jesportaw il-prodotti tagħhom lejn jew permezz tal-ewwel Stat Membru (ara, b'analoġija, is-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

59 Fin-nuqqas ta' elementi ta' evalwazzjoni fil-proċess mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmel il-verifiki meħtieġa f'dan ir-rigward filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-livelli normalment aċċettati, fl-osservanza tar-Regolament Nru 1/2005, mill-Istati Membri li ma jkunux stabbilew dawn ir-regoli.

60 Fil-kuntest ta' dan l-eżami, din il-qorti għandha b'mod partikolari tivverifika li l-istabbiliment tad-dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-għoli intern minimu tal-kompartimenti għal vjaġġi ta' iktar minn tmien siegħat fl-Artikolu 36(4) tad-Digriet Nru 1729/2006 jirrispondi għall-għanijiet tal-imsemmi regolament u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet fid-dawl tal-fatt li, fil-kuntest tas-sistema tad-dritt komuni, l-Artikolu 9(1) ta' dan id-digriet jistabbilixxi, f'dan il-qasam, regoli inqas vinkolanti.

Spezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ

61 Skont l-Artikolu 9(5) tad-Digriet Nru 1729/2006, il-vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-ħnieżer li l-piż tagħhom ikun jaqbeż l-40 kg għal vjaġġi li t-tul tagħhom jaqbeż it-tmien siegħat għandhom jiġu mfassla b'mod li jkun jista' jiġi stabbilit għoli ta' spezzjoni tal-inqas ta' 140 cm fi kwalunkwe ħin f'kull livell.

62 F'dan ir-rigward, ir-Regolament Nru 1/2005 jipprovdi, fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(f) tiegħu moqri flimkien mal-Kapitolu II, punt 1.1(f) tal-Anness I tiegħu, li l-mezzi ta' trasport intiżi għat-trasport tal-annimali għandhom jiġu mfassla b'mod li jippermettu aċċess għall-annimali sabiex ikunu jistgħu jiġu dejjem ikkontrollati b'mod regolari l-kundizzjonijiet ta' benesseri tagħhom. Issa, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li jipprevali fil-kuntest tas-sistema stabbilita permezz tad-Direttiva 91/628 u r-Regolament Nru 411/98, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2005 dwar l-ispezzjoni tal-annimali matul it-trasport huma applikabbli għall-mezzi ta' trasport kollha, indipendentement mit-tul tal-vjaġġ.

63 Konsegwentement, miżura nazzjonali li tistabbilixxi eżiġenzi partikolari f'dan il-qasam applikabbli biss għall-vjaġġi li t-tul tagħhom huwa ta' iktar minn tmien siegħat hija kuntrarja għall-imsemmija dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2005, peress li aċċess għall-annimali sabiex jiġi kkontrollati b'mod regolari l-kundizzjonijiet ta' benesseri tagħhom għandu jkun possibbli matul il-vjaġġ kollu.

64 Barra minn hekk, għandu jiżdied li, kif jirriżulta, *mutatis mutandis*, mill-punti 54 sa 59 ta' din is-sentenza, regoli f'forma ta' ċifri li jiffissaw l-għoli minimu ta' spezzjoni sabiex jippermetti tali aċċess għandhom jirrispondu għall-għanijiet tar-Regolament Nru 1/2005 u jkunu proporzjonati għal dawn tal-aħħar.

Spazju disponibbli għal kull annimal

65 Skont l-Anness 2, Titolu D, punti 1 u 2 tas-sentenza inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'każ ta' trasport ta' ħnieżer fit-triq, l-annimali għandu jkollhom spazju minimu varjabbli skont il-piż tagħhom, fejn dan l-ispazju huwa, għal ħanżir ta' 100 kg, ta' 0.42 m^2 meta t-tul tal-vjaġġ ikun inqas minn tmien siegħat u ta' 0.50 m^2 għall-vjaġġi ta' iktar minn tmien siegħat.

66 Dan l-aspett tat-trasport tal-annimali ħajjin huwa rregolat mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(g) tar-Regolament Nru 1/2005, li jipprovdi "għandhom jiġu pprovduti art u għoli biżżejjed għall-annimali, skond il-qies tagħhom u l-vjaġġ maħsub". Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ħnieżer, l-Anness I, Kapitolu VII, Titolu D ta' dan ir-regolament jippreċiża li, sabiex jippermetti li dawn jorqdu u jibqgħu fuq saqajhom fil-pożizzjoni naturali tagħhom, "[l]-ammont tat-tagħbija ta' qżieqeż ta' madwar il-100 kg m'għandux jeċċedi l-235 kg/m^2" fejn dan l-ispazju mal-art, ikkwalifikat bħala minimu, ikun jista' jiżdied b'20 % skont, b'mod partikolari, it-tul tal-vjaġġ. Għal annimali ta' 100 kg, dawn il-valuri jikkorrispondu rispettivament għal spazju disponibbli ta' 0,42 m^2 u ta' 0.50 m^2.

67 Għalhekk għandu jiġi kkonstatat li regoli f'forma ta' ċifri dwar id-densità massima tat-tagħbija kif stabbiliti fl-Anness 2, punti 1 u 2 tad-Digriet Nru 1729/2006 huma konformi mar-regoli minimi u massimi stabbiliti mir-Regolament Nru 1/2005 (ara, b'analoġija, is-sentenza Danske Svineproducenter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li jippreċedu, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li r-Regolament Nru 1/2005 għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— dan ir-regolament ma jipprekludix l-adozzjoni, minn Stat Membru, ta' regoli applikabbli għat-trasport bit-triq ta' ħnieżer li, sabiex isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jippreċiża, fir-rigward tal-għan ta' protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u mingħajr ma jiġu stabbiliti kriterji eċċessivi f'dan ir-rigward, l-eżiġenzi previsti mill-imsemmi regolament f'dak li jikkonċerna l-għoli intern minimu tal-kompartimenti intiżi għall-annimali, sakemm dawn ir-regoli ma jwasslux għal spejjeż żejda jew diffikultajiet tekniċi b'mod li jisfavorixxu jew lill-produtturi tal-Istat Membru li jkun adotta dawn ir-regoli, jew lill-produtturi tal-Istati Membri l-oħra li jixtiequ jesportaw il-prodotti tagħhom lejn jew permezz l-ewwel Stat Membru, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika; madankollu, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala proporzjonati regoli bħal dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Artikolu 36(4) tad-digriet Nru 1729/2006 peress li l-istess Stat Membru adotta regoli inqas restrittivi, bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 9(1) ta' din is-sentenza, fil-kuntest tas-sistema tad-dritt komuni.

— dan ir-regolament jipprekludi l-adozzjoni, minn Stat Membru, ta' regoli applikabbli għat-trasport bit-triq ta' ħnieżer li jippreċiżaw l-eżiġenzi previsti mill-imsemmi regolament dwar l-aċċess għall-annimali sabiex jiġu kkontrollati regolarment il-kundizzjonijiet ta' benesseri, li jikkonċernaw biss il-vjaġġi ta' iktar minn tmien siegħat, u

— dan ir-regolament ma jipprekludix l-adozzjoni minn Stat Membri, ta' regoli li jipprovdu li, f'każ ta' trasport ta' ħnieżer bit-triq, l-annimali għandu jkollhom spazju minimu varjabbli skont il-piż tagħhom, fejn dan l-ispazju jkun, għal kull annimal ta' 100 kg, ta' 0.42 m^2 meta l-vjaġġ ikun ta' inqas minn tmien siegħat u ta' 0.50 m^2 għal vjaġġ li jdum iktar.

Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— **dan ir-regolament ma jipprekludix l-adozzjoni, minn Stat Membru, ta' regoli applikabbli għat-trasport bit-triq ta' ħnieżer li, sabiex isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jippreċiża, fir-rigward tal-għan ta' protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u mingħajr ma jiġu stabbiliti kriterji eċċessivi f'dan ir-rigward, l-eżiġenzi previsti mill-imsemmi regolament f'dak li jikkonċerna l-għoli intern minimu tal-kompartimenti intiżi għall-annimali, sakemm dawn ir-regoli ma jwasslux għal spejjeż żejda jew diffikultajiet tekniċi b'mod**

li jisfavorixxu jew lill-produtturi tal-Istat Membru li jkun adotta dawn ir-regoli, jew lill-produtturi tal-Istati Membri l-oħra li jixtiequ jesportaw il-prodotti tagħhom lejn jew permezz l-ewwel Stat Membru, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika;

— **dan ir-regolament jipprekludi l-adozzjoni, minn Stat Membru, ta' regoli applikabbli għat-trasport bit-triq ta' ħnieżer li jippreċiżaw l-eżiġenzi previsti mill-imsemmi regolament dwar l-aċċess għall-annimali sabiex jiġu kkontrollati regolarment il-kundizzjonijiet ta' benesseri, li jikkonċernaw biss il-vjaġġi ta' iktar minn tmien siegħat;**

— **dan ir-regolament ma jipprekludix l-adozzjoni minn Stat Membri, ta' regoli li jipprovdu li, f'każ ta' trasport ta' ħnieżer bit-triq, l-annimali għandu jkollhom spazju minimu varjabbli skont il-piż tagħhom, fejn dan l-ispazju jkun, għal kull annimal ta' 100 kg, ta' 0.42 m^2 meta l-vjaġġ ikun ta' inqas minn tmien siegħat u ta' 0.50 m^2 għal vjaġġ li jdum iktar.**

Firem